MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2014

Numru 418/2012

**ILLUM 6 TA' MARZU 2014**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Frankie Sammut)**

**vs**

**Frederick Muscat**

Il-Qorti,

Rat l-imputazjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita numru 426484m, akkuzat:

1. f'Marsascala nhar is-16 ta' April 2012 ghal habta tat-3.30 ta' wara nofs in-nhar bla ordni skond il-ligi ta' awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Sharon Bugeja minn Marsascala kontra l-volonta' taghha, waqt liema arrest il-persuna arrestata, mizmuma jew issekwestrata giet offiza fuq il-persuna jew mhedda bil-mewt;

2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe', li minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Sharon Bugeja minn Marsascala f'perikolu car, ikkaguna offiza ta' natura gravi u permanenti fuq il-persuna ta' l-imsemmija Sharon Bugeja minn Marsascala, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuz\zjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu;
3. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkaguna ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Sharon Bugeja minn Marsascala skond ma' iccertifika it-tabib tal-Poliklinika ta' Rahal il-Gdid, Dr Martin Mallia MD Reg. 2299;
4. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, hedded bil-gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin, cioe', stand ta' fann, jew waddabhom jew qabad armi ohra kontra l-persuna ta' Sharon Bugeja minn Marsascala;
5. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, hedded bil-mewt lil Sharon Bugeja minn Marsascala;

Il-Qorti hija mitluba li sabiex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuni offizi jew individwi ohra jew ghaz-zamma ta' l-ordni pubbliku jew ghal skop tal-protezzjoni tal-persuni lezi jew ta' idividwi ohra minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzat u dan ai terminu tal-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali taht dawk il-kawteli li din il-Qorti jidrilha li huma xierqa;

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament mhux opposta;

Semghet xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-imputazzjonijiet kontra l-imputat jakkuzawh li fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi (a) arresta, zamm jew issekwestra lil Sharon Bugeja ; (b) li ghamel fuqha attentat ta' ferita gravi; (c) li ikkagunalha ferita ta' natura hafifa; (d) li heddida bil-gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin.

Minghajr il-bzonn li tidhol fid-dettal il-Qorti osservat li mill-provi l-imputazzjonijiet ma jistghux jirrisultaw stante li huma marbuta ma' hin specifiku, ossija "ghal habta tat-3.30 ta' wara nofs in-nhar" , fl-liema hin ma irrisultax li sehhew xi incidenti bejn il-kwerelanti u l-imputat. Fi kliem il-kwerelanta, li ghandu jinghad li fil-mori irrinunzjat ghal kull azzjoni kriminali kontra l-imputat stante rikonciljazzjoni, l-incident gara fil-hin tal-5.30p.m meta l-imputat ghamel ritorn lura mix-xoghol.

Stante li l-akkuzi jirreferu u huma marbuta mal-hin tat-3.30pm jew ghal xi hin vicin tieghu u billi ma jistax ghalhekk jinkwadra l-hin tal-5.30pm fejn effettivament kien hemm xi incidenti li graw bejn l-imputat u l-kwerelanta, qeghdha fuq daqshekk tillibera lill-imputat billi fil-hin indikat fic-citazzjoni jew hin approssimattiv ghalih, izda certament mhux saghtejn wara, ma irrisultax li sehhew xi incidenti mal-kwerelanta kif dedotti fl-imputazzjonijiet kontra tieghu

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------